# Wara l-azzjoni legali li ħadet, BirdLife Malta se tikkomunika biss mal-Ministru tal-Ambjent dwar kaċċa u nsib

## Il-Ministru tal-Ambjent Aaron Farugia m'għandux jintuża biex sempliċiment jittimbra d-deċiżjonijiet tal-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri fuq il-kaċċa u l-insib

Il-futur tal-konservazzjoni tal-għasafar, u indirettament is-sitwazzjoni tal-kaċċa u l-insib f'Malta għadhom fil-limbu wara d-deċiżjoni li ħa l-Prim Ministru Robert Abela li jpoġġi t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU) taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri. BirdLife Malta mhux biss kienet iddeskriviet din id-deċiżjoni bħala waħda dijabolika imma wriet kif hija wkoll waħda illegali kif inhuma l-liġijiet illum, u dan wassalna biex inressqu protest ġudizzjarju kontra l-Gvern.

Sal-lum il-Gvern għadu jrid jiġġustifika din id-deċiżjoni mhux biss minn aspett morali imma issa wkoll minn aspett legali. F'dawn iċ-ċirkostanzi BirdLife Malta kitbet formalment lill-Ministru tal-Ambjent Aaron Farrugia biex tinfurmah li skont kif stipulat fil-liġijiet ambjentali ta' Malta hi se tkun qed tirrikonoxxi biss lilu u tikkomunika biss miegħu fir-rigward ta' kwalunkwe materja relatata mar-regolamenti tal-konservazzjoni tal-għasafar, inkluż il-kaċċa u l-insib.

BirdLife Malta tfakkar li sew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u anke r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jagħrfu legalment lill-Ministru tal-Ambjent bħala l-uniku ministru responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent u għal kull awtorità relatata miegħu. Minbarra f'dan, kemm il-liġi nazzjonali dwar l-ambjent ta' pajjiżna u anke l-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-ħarsien tal-għasfar – u allura l-operat tad-WBRU stess – jagħmluha ċara wkoll, iswed fuq l-abjad, li l-istess taqsima għandha taqa' taħt il-ministeru responsabbli mill-ambjent.

Fid-dawl ta' dan, kull komunikazzjoni jew deċiżjoni li se tkun qed tittieħed min-naħa tad-WBRU u eventwalment mill-Kumitat Ornis – meta dawn jerġgħu jitwaqqfu – fosthom ħatriet u liġijiet li ma jsirux taħt il-Ministeru tal-Ambjent, għandhom jiġu meqjusa bħala illeġittimi.

Fl-ambitu tal-istaġuni tal-kaċċa u l-insib li għadhom kif għalqu f'Jannar u dawk li jmiss, b'mod partikolari l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena, din is-sitwazzjoni qed toħloq inċertezza dwar kif għandhom jiġu regolati l-istaġuni minn issa 'l quddiem.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Aħna qed nittamaw li din is-sitwazzjoni tiġi riżolta bl-aktar mod loġiku, jiġifieri li d-WBRU u r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar jibqgħu taħt il-portafoll tal-Ministeru tal-Ambjent. Aħna ottimisti u sadanittant nittamaw li l-Ministru tal-Ambjent ma jintużax biex sempliċiment jittimbra d-deċiżjonijiet li jkun qed jieħu l-Onor. Clint Camilleri."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org